



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 103/23

Il-Lussemburgu, 15 ta' Ġunju 2023

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fil-Kawża C-330/22 | Friends of the Irish Environment (Qabda totali permissibbli 'l fuq minn żero)

Sajd eċċessiv: skont l-Avukat Ġenerali Ċapeta, ir-Regolament Bażiku tal-Politika Komuni tas-Sajd jirrikjedi li l-Kunsill jiffissa limiti tas-sajd f'livelli sostenibbli mis-sena 2020

Għalhekk, l-Avukata Ġenerali tipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddikjara invalidi partijiet minn Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi limiti tas-sajd għal ċerti stokkijiet f'livelli ogħla minn dawk sostenibbli

Kull sena, il-Kunsill jistabbilixxi kwoti tas-sajd għall-ilmijiet tal-Unjoni Ewropea. F'dan l-eżerċizzju, il-Kunsill għandu jaġixxi skont parir xjentifiku. **Għas-sena 2020, il-parir xjentifiku** mogħti mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar **indika li l-kwoti għall-merluzz, għall-merlangu u għall-barbun tat-tbajja, fost oħrajn, għandhom jiġu stabbiliti fil-livell ta' żero.** Inkella, ir-rata ta' riproduzzjoni ta' dawn l-istokkijiet tiġi ppreġudikata, bil-konsegwenza li s-sajd isir insostenibbli fuq medda twila ta' żmien.

Minkejja dan il-parir, fir-regolament tiegħu li jistabbilixxi l-kwoti tas-sajd għas-sena 2020 (iktar 'il quddiem, ir-"Regolament tal-2020")¹, **il-Kunsill iddeċieda li jistabbilixxi l-kwoti tas-sajd għall-merluzz, għall-merlangu u għall-barbun tat-tbajja, fost oħrajn, f'livelli 'l fuq minn żero meta dawn l-istokkijiet jinqabdu b'mod inevitabbli bħala qabda inċidentali matul operazzjonijiet ta' sajd li fil-fatt ikollhom "fil-mira" tagħhom stokkijiet oħra.**

L-Irlanda implimentat dawn il-kwoti tas-sajd għall-ilmijiet tagħha abbażi ta' dan ir-regolament. **Friends of the Irish Environment, NGO ambjentali, ressqet proċeduri fl-Irlanda kontra dawn il-miżuri nazzjonali, li indirettament jikkontestaw il-validità tar-Regolament tal-2020.** L-argument prinċipali tagħha huwa li l-istabbiliment ta' kwoti għall-istokk imsemmi 'l fuq minn żero, minkejja l-parir xjentifiku kuntrarju, imur kontra r-Regolament Bażiku tal-Unjoni dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Bażiku tal-PKS")².

Fil-konklużjonijiet tal-lum, **l-Avukata Ġenerali Tamara Ċapeta** tispjega li, ġeneralment, **ir-Regolament Bażiku tal-PKS jippermetti lill-Kunsill jibbilanċja l-prinċipji konkorrenti ta' sostenibbiltà mal-għanijiet ekonomiċi u soċjali** meta jadotta l-kwoti tas-sajd annwali.

Madankollu, il-leġiżlatur tal-Unjoni għażel is-sena 2020 bħala ż-żmien li fih is-sajd kummerċjali għall-istokkijiet kollha fl-ilmijiet tal-Unjoni għandu jsir f'livelli sostenibbli. Sabiex jintlaħaq dan l-għan partikolari,

¹ Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 tas-27 ta' Janjar 2020 li jistabbilixxi għall-2020 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 25, 30.1.2020, p. 1) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament tal-2020").

² Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Bażiku tal-PKS").

il-leġiżlatur tal-Unjoni ma ħalla ebda diskrezzjoni lill-Kunsill sabiex jieħu inkunsiderazzjoni elementi ta' tħassib soċjoekonomiku. Għalhekk, billi stabbilixxa terminu fiss għas-sajd sostenibbli fl-ilmijiet tal-Unjoni sal-2020, **il-leġislatur tal-Unjoni ried jipprekludi lill-Kunsill milli jqiegħed interessi ekonomiċi għal medda qasira ta' żmien qabel l-għan ġenerali fit-tul ta' sajd f'livelli sostenibbli.**

Sa fejn id-deċiżjoni li jiġu imposti kwoti tas-sajd sostenibbli tapplika għat-tipi kollha ta' qbid, **il-Kunsill ma għarafx jiddistingwi bejn il-"qbid fil-mira" u l-"qbid inċidentali" meta stabbilixxa l-limiti tas-sajd għas-sena 2020** għall-istokkijiet tal-ħut inkwistjoni.

Fil-konklużjonijiet tagħha, l-Avukata Ġenerali tispjega wkoll li **din l-għażla leġiżlattiva li jiġu imposti kwoti tas-sajd sostenibbli sal-2020 ma nbidlitx mir-Regolament dwar l-Ilmijiet tal-Punent**³.

Għalhekk, **billi stabbilixxa livelli ta' sajd 'il fuq minn żero għas-sena 2020** għal ċerti stokkijiet minkejja l-parir li dawn il-livelli kienu insostenibbli, **il-Kunsill eċċeda d-diskrezzjoni mogħtija lilu** mil-leġiżlatur tal-Unjoni. **Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha għalhekk tiddikjara r-Regolament tal-Kunsill parzjalment invalidu** sa fejn dan jistabbilixxi limiti tas-sajd għall-istokkijiet inkwistjoni fl-ilmijiet madwar l-Irlanda għas-sena 2020 'il fuq minn żero.

Madankollu, sa fejn ir-Regolament tal-Kunsill skada fl-aħħar tas-sena 2020, **l-Avukata Ġenerali tipproponi limitazzjoni tal-effetti fiż-żmien** tad-dikjarazzjoni ta' invalidità. Fin-nuqqas ta' dan, jista' jkun hemm riperkussjonijiet fuq numru kbir ta' relazzjonijiet legali konklużi *in bona fide*.

NOTA: Il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Huwa r-rwol tal-Avukati Ġenerali li jipproponu lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'indipendenza sħiħa, soluzzjoni legali għall-kawża li huma responsabbli għalihom. L-Imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja jib dew issa d-deliberazzjonijiet tagħhom f'din il-kawża. Is-sentenza tingħata f'data iktar tard.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tal-konklużjonijiet jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih dawn jiġu ppreżentati.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ibqgħu konnessi!



³ Regolament (UE) 2019/472 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet mistada fl-Ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/1139 u (UE) 2018/973, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007 u (KE) Nru 1300/2008 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament dwar l-Ilmijiet tal-Punent").